



Brussell, 16 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16892/23

LIMITE

ENER 703  
CLIMA 656  
TRANS 609  
CONSOM 491  
IND 695  
ECOFIN 1392  
FISC 300

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0443(NLE)

---

---

#### NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	16136/23
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2578 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu - Qbil politiku

#### INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2578 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu<sup>1</sup>.
2. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2578 (ir-"Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Korrezzjoni tas-Suq") jistabbilixxi sistema ta' miżuri temporanji għall-prevenzjoni ta' żidiet fil-prezzijiet tal-gass eċċessivament għoljin fl-UE meta dawn ma jirriflettux dawk fis-suq dinji. Ġie miftiehem li l-kummerċ fuq l-iskambji tal-gass tal-Ewropa jiġi limitat għal EUR 180/MWh taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-mekkaniżmu jiġi attivat meta l-prezzijiet fil-punti tal-inneogjar virtwali tal-UE jiċċaqalqu 'l fuq minn ċerti livelli u dawk il-prezzijiet ikunu sostanzjalment ogħla minn prezz ta' referenza li jirrifletti x-xejriet globali tal-prezzijiet tal-LNG.

---

<sup>1</sup> 16136/23

3. Il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Korrezzjoni tas-Suq b'sena sal-31 ta' Jannar 2025.
4. Meta titqies l-iskarsezza persistenti tal-provvisti tal-gass, flimkien mal-volatilità tal-prezzijiet ikkawżata mill-bilanċ fraġli fis-swieq globali tal-gass, tali estensjoni mmirata u limitata fiż-żmien hija meqjusa meħtieġa biex jiġu evitati prezzijiet tal-enerġija eċċessivament għoljin matul l-istaġun tax-xitwa 2023/2024. Ta' min isemmi wkoll li l-valutazzjonijiet imwettqa mill-ESMA u l-ACER, u aktar tard mill-Kummissjoni, jikkonkludu li sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Korrezzjoni tas-Suq ma ġie nmutat l-ebda effett negattiv fuq is-sigurtà tal-provvista, il-flussi intra-Unjoni tal-gass jew l-istabbiltà finanzjarja.

### **IS-SITWAZZJONI ATTWALI**

5. Il-proposta ġiet eżaminata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fil-5, is-7 u t-12 ta' Diċembru 2023.
6. Wara li qieset il-kummenti tal-Istati Membri, il-Presidenza ppreżentat l-ewwel reviżjoni tat-test<sup>2</sup> għal skambju ta' fehmiet fil-laqgħa tal-Coreper tal-15 ta' Diċembru 2023.
7. Peress li t-test rivedut jista' jiġi aċċettat minn maġġoranza kbira ħafna tal-Istati Membri, il-Presidenza issa qed tippreżenta t-test fl-Anness għal din in-nota bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku fil-Kunsill TTE (Enerġija) li jmiss fid-19 ta' Diċembru 2023.
8. Saru xi bidliet addizzjonali stilistiċi u mill-ġuristi lingwisti fit-test kollu biex jittejjeb, inkluż l-allinjament ta' premissi identiċi fit-tliet regolamenti ta' emerġenza.
9. Il-bidliet meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa** u [...]. Il-bidliet ġodda meta mqabbla ma' ST 16186/23 (+ COR 1) huma mmarkati b'**tipa grassa sottolinjata** u [...].

---

<sup>2</sup> 16186/23 + COR 1

## KONKLUŻJONI

10. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-test ta' kompromess tal-Presidenza kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni pendenti mqajma mid-delegazzjonijiet u jilħaq qbil politiku dwar dan ir-Regolament tal-Kunsill.

---

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta'...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2022/2578 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 122(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2578<sup>3</sup> [...] **jistabilixxi** mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq ("MCM") temporanju għall-ordnijiet magħmula għan-negozjar ta' derivattivi marbuta mal-punti tal-innegozjar virtwali ("VTPs") tal-Unjoni b'maturitajiet bejn xahar u sena. Għalhekk il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq japplika għal kwalunkwe derivattiv ta' komodità, innegozjat f'suq regolat, li l-bażi tiegħu tkun tranżazzjoni fil-gass fi kwalunkwe VTP fl-Unjoni.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2578 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabilixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq biex jipproteġi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-ekonomija kontra prezzijiet eċċessivament għoljin (ĠU L 335, 29.12.2022, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2578/oj>).

- (2) Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq jiġi attivat [...] **meta** jseħħ avveniment ta' korrezzjoni tas-suq, jiġifieri, meta l-prezz tas-saldu tad-derivattivi tal-Faċilita ta' Trasferiment ta' Titoli ("TTF") bl-eqreb skadenza ("front-month"), kif ippubblikat mill-ICE Endex B.V. (**in-Netherlands**), jaqbeż il-EUR 180/MWh u jkun EUR 35 ogħla mill-prezz ta' referenza għal tlett ijiem tax-xogħol. [...] Ir-Regolament (UE) 2022/2578 jistabbilixxi limitu dinamiku tal-offerti, li skontu, **malli jseħħ avveniment ta' korrezzjoni tas-suq**, l-operaturi tas-suq [...] ma jaçcettawx u l-parteċipanti fis-suq [...] ma jissottomettux ordnijiet għal derivattivi bi prezzijiet ta' EUR 35/MWh ogħla mill-prezz ta' referenza ppubblikat mill-Aġenzija tal-**Unjoni Ewropea** għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("ACER")<sup>4</sup> fil-jum ta' qabel.
- (3) Fir-rapporti ta' valutazzjoni tal-effetti tagħhom ippubblikati fl-1 ta' Marzu 2023 f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2022/2578, [...] l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA")[...]<sup>5</sup> **u l-ACER** analizzaw għadd ta' indikaturi biex jivvalutaw l-impatt tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq sa mid-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament. **L-ESMA** [...] u **l-ACER** [...] ikkonkludew li l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq ma kienx ġie attivat u li ma kien irriżulta l-ebda effett negattiv fuq is-sigurtà tal-provvista, [...] il-flussi intra-Unjoni **tal-gass** [...] **jew** l-istabbiltà **finanzjarja** sakemm ġew ippubblikati r-rapporti rispettivi tagħhom.
- (4) Abbażi tal-indikaturi analizzati [...] mill-**ESMA** u l-**ACER** [...] fir-rapporti tagħhom tal-1 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni estendiet l-analiżi **sabiex** tivvaluta [...]l-iżviluppi tas-suq [...] **wara l-perjodu ta' żmien analizzat minn dawk ir-rapporti**. Ma ġie identifikat l-ebda effett negattiv minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2022/2578 u l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq qatt ma ġie attivat.

---

<sup>4</sup>[...][...]

<sup>5</sup>[...]

- (5) Madankollu, għad hemm diffikultajiet serji għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni. Is-sitwazzjoni globali fis-suq tal-gass għadha ssikkata ħafna. Il-prezzijiet tal-gass għadhom konsiderevolment ogħla milli **kienu qabel il-bidu tal-kriżi fl-Ewropa wara l-użu tal-enerġija bħala arma mir-Russja u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna**, b'konsegwenzi inevitabbli fuq il-kapaċità tal-akkwist ta' ċittadini tal-Unjoni u **fuq il-kompetittività tan-negozji tal-Unjoni**.
- (6) Il-volatilità tas-**s[...]luq tal-gass** hija wkoll konsegwenza tat-tensjoni fis-suq li tirriżulta mir-riskji ġeopolitiċi, u tirrappreżenta riskju addizzjonali [...] għall-ekonomija **tal-Unjoni**. L-episodji ta' volatilità qawwija tal-prezzijiet osservati fis-sajf u fil-bidu tal-ħarifa **tal-2023**, meta l-prezzijiet żdiedu b'aktar minn 50 % fi ftit ġimgħat, juru li s-swieq għadhom fraġli u għadhom vulnerabbli saħansitra għal xokkijiet relattivament żgħar fuq id-domanda u l-provvista, kif muri mill-movimenti fil-prezzijiet wara avvenimenti reċenti bħall-istrajk fil-faċilitajiet Awstraljani tal-gass naturali likwifikat (LNG), jew l-interruzzjoni tal-Balticconnector. Il-kriżi attwali fil-Lvant Nofsani tikkostitwixxi riskju ġeopolitiku sinifikanti addizzjonali b'impatt potenzjali fuq il-prezzijiet u [...]l-provvista **tal-gass**.
- (7) Is-swieq globali tal-gass bħalissa huma ssikkati ħafna u huma mistennija li jibqgħu ssikkati għal ċertu żmien. Il-provvista globali tal-LNG [...] **kibret** biss b'rata kajmana f'dawn l-aħħar sentejn minħabba żidiet limitati fil-kapaċità tal-likwefazzjoni, qtugħ fil-faċilitajiet ewlenin tal-esportazzjoni u tnaqqis fil-provvista tal-gass ta' alimentazzjoni fl-impjanti tal-LNG. Kapaċità ġdida sinifikanti ta' likwefazzjoni tal-LNG mistennija [...] **ssir operattiva** biss matul l-2025. Għalhekk, il-bilanċi tas-suq **mistennija** jibqgħu prekarji fil-futur immedjat.

- (8) Barra minn hekk, minħabba t-tnaqqis sinifikanti fl-importazzjonijiet tal-gass mill-pipelines Russu matul l-aħħar sena, id-disponibbiltà tal-provvisti tal-gass lejn l-Unjoni hija konsiderevolment **anqas** [...] **meta** mqabbla mas-sitwazzjoni ta' qabel il-kriżi. Bil-livell attwali ta' importazzjonijiet tal-gass, l-Unjoni mistennija tirċievi madwar 20 **biljun metru kubu** (bcm) ta' gass mill-pipelines Russu fl-2023, madwar 110 bcm inqas mill-2021. Għalhekk, għad hemm riskju serju li jkun hemm skarsezzi tal-gass fl-Unjoni fuq terminu qasir. Minħabba l-kundizzjonijiet issikkati attwali tas-suq, il-prezzijiet [...] **jistgħu** jergħu jogħlew [...] **minħabba** avvenimenti imprevedibbli u xokkijiet għal għarrieda bħal: qabża 'l fuq mill-ġdid fid-domanda Asjatika għal-LNG, [...] **li** tista' tnaqqas id-disponibbiltà tal-gass fis-suq globali tal-gass; kundizzjonijiet estremi tat-temp li potenzjalment jaffettwaw il-ħżin tal-enerġija idroelettrika [...] **u** l-produzzjoni nukleari, li jkunu jeħtieġu rikors akbar għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mħaddma bil-gass; u aktar interruzzjonijiet possibbli fil-provvista tal-gass, inkluż waqfien totali tal-importazzjonijiet tal-gass mir-Russja, u aktar interruzzjonijiet fl-infrastrutturi kritiċi[...] **bħall**-atti ta' sabotaġġ kontra l-pipeline Nord Stream 1 f'Settembru 2022 [...] **jew** l-interruzzjoni tal-pipeline Balticconnector f'Ottubru 2023.
- (9) Diffikultajiet serji persistenti jesponu lill-Unjoni kollha għal riskji ta' skarsezza ta' enerġija u ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija. Il-livell tal-prezzijiet tal-gass jista' **jkollu** impatt **negattiv** [...] **fuq** is-sitwazzjoni [...] ekonomika **tal-Unjoni**, **fuq** il-kompetittività industrijali tagħha u [...] **fuq** il-kapaċità tal-akkwist **taċ-ċittadini tagħha**.

- (10) F'daw[...]k il-kundizzjonijiet, [...] **b'mod partikolari** f'sitwazzjoni ta' diversi riskji ġeopolitiċi b'impatt potenzjali fuq il-prezzijiet tal-gass, il-biża' ta' skarsezza [...] **tista'** twassal [...] għal reazzjonijiet **sinifikanti** li jista' jkollhom riperkussjonijiet serji fuq il-prezzijiet **tal-gass**. Minħabba l-bilanċ prekarju bejn il-provvista u d-domanda attwalment, anke **interruzzjonijiet moderati** fil-provvista tal-gass jista' jkollha **impatt drammatiku** fuq [...] il-prezzijiet tal-gass u jistgħu jikkawżaw **ħsara serja** u dejjiema lill-ekonomija u liċ-ċittadini tal-Unjoni.
- (11) Fl-eqqel tal-kriżi, l-Unjoni adottat rispons b'saħħtu u kkoordinat biex tippoteġi liċ-ċittadini tagħha u lill-ekonomija tagħha minn prezzijiet eċċessivament[...] **għolja** u biex tiżgura li l-gass jgħaddi għand il-konsumaturi kollha fil-bżonn lil hinn mill-fruntieri, [...] **inkluż** f'sitwazzjonijiet ta' skarsezza tal-gass. Ir-rispons tal-Unjoni [...] **skont** il-"Pjan REPowerEU"<sup>6</sup>, **kif imħabbar mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2022**, u l-inizjattivi sussegwenti, inkluż il-miżuri stipulati fir-Regolament (UE) 2022/2578, **ikkontribwew għal titjib fis-sitwazzjoni**. Jekk dawk il-miżuri ma jibqgħux japplikaw, [...] is-sitwazzjoni stabbilizzata, [...] **iżda** fraġli, **li** l-Unjoni tkun kisbet **tkun f'riskju** u [...] r-reżiljenza għal avvenimenti futuri possibbli u xokkijiet għal għarrieda **tiddeterjora**[...].

---

<sup>6</sup>[...]

(12) Peress li l-Unjoni hija suq uniku u t-TTF **fin-Netherlands** normalment titqies bħala l-indikatur tal-ipprezzar "standard" [...] fis-swieq tal-gass **Ewropej**, il-prezzijiet għoljin tal-gass għad-derivattivi marbuta **mat-TTF** ikollhom konsegwenzi serji fl-Istati Membri kollha, għalkemm possibbilment fi gradi **differenti** skont l-Istat Membru. Id-derivattivi marbuta mal-VTPs l-oħra kollha fl-Unjoni jenħtieġ li jibqgħu inklużi wkoll fl-estensjoni **tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2578** sabiex jiġu evitati bidliet possibbli tan-negozjar għal derivattivi marbuta ma' VTPs oħra li jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet [...] **fis-**[...] swieq tal-enerġija jew dawk finanzjarji **tal-Unjoni**. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq isaħħaħ is-solidarjetà tal-Unjoni billi jevita prezzijiet tal-gass eċċessivament għoljin, li mhumiex sostenibbli anke għal perjodi qosra ta' żmien għal ħafna Stati Membri. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq jista' jgħin biex jiġi żgurat li, **fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri**, l-impriżi tal-provvista tal-gass [...] **fl-Istati Membri** kollha jkunu jistgħu jixtru l-gass bi prezzijiet raġonevoli[...].

[...](13[...]) Meta jitqies il-fatt li r-Regolament (UE) 2022/2578 ser jieqaf japplika fil-31 ta' Jannar 2024, l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu tikkostitwixxi miżura ta' emerġenza, fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri[...] [...] **b'rispon[...]**s għal diffikultajiet serji persistenti fil-provvista tal-enerġija [...] **li** jwasslu għal riskju ta' kriżi imminenti u prezzijiet eċċessivament għoljin[...].

- (14[...]) **Barra minn hekk**, [...] estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2578 hija [...] konsistenti mal-Pjan REPowerEU, li għandu l-għan li jipproteġi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-ekonomija **tal-Unjoni** minn prezzijiet eċċessivi u skarsezzi fil-provvista tal-enerġija.
- (15[...]) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2024 sabiex tiġi żgurata protezzjoni kontinwa minn prezzijiet eċċessivament għoljin matul l-istaġun tax-xitwa 2023/2024.
- (16[...]) Jenħtieġ li [...] l-**estensjoni** tkun temporanja u li tibqa' fis-seħħ [...]sal-**31** ta' Jannar 2025. [...] **Hija** meħtieġa u proporzjonata minħabba n-natura persistenti tad-diffikultajiet **u r-riskji serji għas-sigurtà tal-provvista tal-gass u l-prezzijiet tal-gass tal-Unjoni**[...], u **minħabba** l-inċertezza tas-sitwazzjoni attwali.
- (17[...]) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.
- (18[...]) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/2578 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament (UE) 2022/2578**

Fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2022/2578, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandu japplika sal-31 ta' Jannar 2025."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ [...]**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...]...., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*